**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 21 – 11 ta' Lulju 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 21. Il-laqgħa bdiet fis-6.45 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa attenda l-Marketing u Events Co-ordinator Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 20 għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera.

1.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li punt 7.4 tal-minuti, is-sentenza, 'Is-Sindku Alfred Grixti qal ukoll li huwa kien se jikteb lill-Ministru tal-Intern sabiex tiġi kkunsidrata li l-biċċa tat-triq tal-Kunsill tiġi msemmija għal Frans Sammut.' tinbidel u ssir 'Is-Sindku Alfred Grixti qal ukoll li huwa kien se

jikteb lill-Ministru tal-Intern sabiex tiġi kkunsidrata li t-triq tal-Kunsill tiġi msemmija għal Frans Sammut.' Kien hemm qbil dwar dan.

1.3. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina talab li ma' punt 2.2.3 tal-minuti tiżdied referenza għall-fatt li huwa ġibed l-attenzjoni li triq Ħali u xi toroq oħrajn ma kienux fit-tieni grupp ta' toroq tal-PPP u s-Segretarju kien ikkonferma fil-laqgħa li dawn it-toroq ġew inklużi fil-lista aġġornata li ġiet imressqa lill-Ministru Mizzi. Kien hemm qbil dwar dan.

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti talab li f' punt 2.3 jitniżżel rendikont ta' kif żviluppat is-sitwazzjoni fuq Triq Achille Ferris. Is-Sindku spjega li Triq Achille Ferris hija responsabiltà ta' Transport Malta peress li din it-triq qatt ma ngħatat wiċċ, iżda kien hemm problemi biex isir dan minħabba li ma kienx hemm 75% tat-triq mibnija minħabba xi disgwidi fuq wirt ta' propjetà u għalhekk ma kienitx tikkwalifika biex issir minn Transport Malta. Is-Sindku spjega li f' taħdidiet li kien hemm mal-Onorevoli Chris Said u l-Onorevoli Philip Mifsud kienu saru arranġamenti biex Triq Achille Ferris u Trejqet il-Paċi jiġu nklużi mal-grupp ta' toroq tal-PPP taż-żona tal-Grazzja imma baqgħu ma sarux minħabba li kif kienu jafu l-kunsilliera kollha r-rati tat-tender splodew.

1.5. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ressqet mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 20 jiġu approvati hekk kif emendati. Hija ġiet issekondata mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-minuti ġew approvati (95).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 7.4 tal-minuti u irraporta lill-Kunsill li huwa kiteb l-ittra li kellu jagħmel lill-Onorevoli Ministru Mallia fejn tressqet talba sabiex Triq l-Isqof Caruana tissemma għal Frans Sammut, fejn anke ġie spjegat li l-Kunsill b' din l-azzjoni ma jkun qed jagħmel l-ebda disrispett lejn l-Isqof Caruana għax Triq l-Isqof, fl-antik diġa ġiet imsemmija għalih. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf kienx se jinbidel l-isem tat-triq kollha.

2.2. Il-Kunsillier Cain Grech għamel referenza għal punt 3.2.1 tal-minuti u nforma lill-Kunsill li saret laqgħa mal-parteċipanta tal-proġett tal-Youth in Action fejn intalbet tħejji rapport u tieħu ritratti tal-proġett sabiex dan ir-rapport jiġi preżentat quddiem il-Kunsill, kif ukoll ġiet imħeġġa tiġbor kuntatti ta' organizzazjonijiet oħrajn.

2.3. Il-Kunsillier Cain Grech għamel referenza għall-korsijiet tal-kompjuter u nforma lill-Kunsill li dawn kienu se jibdew fil-bidu ta' Awwissu u kien se jkun hemm perijodu ta' tlett ġimgħat fejn kien se jsir promozzjoni għal dan il-kors u sabiex il-persuni nteressati jirreġistraw. Il-Kunsillier Grech qal li kien importanti li dawn il-korsijiet jibdew u l-Kunsill ma jkomplix jistenna. Il-Kunsillier Grech fakkar li dan il-kors kien se jsir bħala prova sabiex tiġi evalwata l-kwalità tal-korsijiet tal-Horizon 2000.

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 3.1 tal-minuti u nforma lill-Kunsill li saret l-ewwel laqgħa tal-arbitraġġ ma' Bonnici Bros fejn ingħatat l-għażla lill-Kunsill li jkun hemm arbitru wieħed jew tlieta, fejn il-partijiet jinnominaw arbitru kull wieħed u t-tielet arbitru jkun magħżul minn dawn l-arbitri stess. Is-Sindku qal li l-Kunsill innonmina lil Dr. Butigieg filwaqt li Bonnici Bros innominaw lil Dr. Ciliberti. Is-Sindku Alfred Grixti qal li Bonnici Bros ressqu *statement of case* u issa kien imiss lill-Kunsill li jressaq l-*statement of defence*.

2.5.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 2.1.1. tal-minuti. Is-Sindku qal li huwa kiteb lill-Prim Ministru rigward l-ideat li għandu l-Kunsill għal proġetti ta' fejda għal Ħaż-Żebbuġ. Is-Sindku kompla jgħid li qed jieħu gost li l-Kunsill qiegħed jittieħed bis-serjetà u li qiegħed jintwera li l-Kunsill jaf fuq xiex qiegħed jitkellem u kien hemm pjanijiet serji. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li ġie mistieden Kastillja sabiex jiddiskuti aktar fil-fond dawn il-proġetti u l-Prim Ministru ddelega lis-sur Alex Muscat sabiex isegwi dan il-proġett minn naħa tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru u kien se jiġi ffurmat *working group* magħmul minn tlett Segretarji Parlamentari li huma Dr. Ian Borg li qiegħed fuq Fondi tal-EU, Dr. Jose Herrera mill-qasam tal-Gvern Lokali, u Dr. Michael Farrugia bħala tal-Lands u l-Ministru Evarist Bartolo bħala l-Ministru tal-Edukazzjoni peress li l-iskejjel jaqgħu taħtu.

2.5.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li qabel ma jkomplu d-diskussjonijiet dwar l-iffinanzjar ta' dan il-proġett huwa ntalab mill-Uffiċju tal-Prim Ministru *feasibilty study.* Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa qiegħed jitlob li l-Kunsill jaqbel li jsir dan il-feasibility study minn kumpanija serja ta' awdituri jew konsulenti b'esperjenza ta' kif tista taċċessa fondi Ewropej sabiex jiġi stabilit kemm mill-proġett jista jiġi ffinanzjat permezz ta' fondi Ewropej.

2.5.3. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina talab li jkun jaf jekk kien se jkun hemm sejħa għal dan ix-xogħol. Is-Sindku wieġeb li l-ewwel kien se jiċċekja x' hemm fis-suq fil-preżent.

2.5.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni fejn il-Kunsill japprova li huwa jiġbor kwotazzjonijiet u prezzijiet sabiex jiġi verifikat kemm jiswew dawn it-tipi ta' studji u jirraporta lill-Kunsill b' dak li jsib u titressaq proposta dwarha. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-mozzjoni ġiet approvata (96).

2.6. Is-Sindku Alfred Grixti qal li rigward it-toroq tal-Grazzja kellu numru ta' okkażjonijiet fl-aħħar ġimgħat li jressaq il-messaġġ tal-Kunsill li jekk ma jkunx hemm aktar fondi speċifiċi għal toroq li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tal-Kunsilli se jkun hemm ħafna persuni li se jkunu diżillużi u diżappuntati.

2.7.1. Is-Sindku Alfred Grixti talab li jkun jaf jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-possibiltà li toroq rurali jiġu ffinanzjati permezz tal-*Common Agricultural Policy*. Il-Kunsillier Cain Grech qal li għalissa l-framework il-ġdid ta' fondi tal-EU għadu ma tħabbarx u fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jistenn sakemm jitħabbar il-budget il-ġdid u l-Kunsill imbagħad ikun jista jippjana aħjar.

2.7.2. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ikkummenta li skond facebook il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi ġab fondi tal-EU u permezz tagħhom qed jissewwew toroq rurali u l-ħitan tas-sejjiegħ. Il-Kunsillier Cain Grech qal li probabilment dawn il-fondi jirreferu għal proġetti tas-snin ta' qabel u mhux riċenti. Il-Kunsillier Grech qal li wieħed irid jiftakar li l-Kunsill fejn jidħlu fondi tal-EU telaq minn punt fejn ma kien hemm esperjenza ta' xejn fuq fondi u issa l-Kunsill għandu ċ-ċans li jippjana aħjar fuq il-budget li ġej.

2.8. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li huwa jinsab infurmat li kull sena Transport Malta jkollha budget għal xogħol f' toroq residenzjali. Huwa kkummenta li tista ssir pressjoni fuq Transport Malta ħalli parti minn dan ix-xogħol jinkludi toroq f' Ħaż-Żebbuġ. Il-Kunsillier Aquilina qal ukoll li kien hemm xi fond speċifiku għal toroq rurali. Is-Sindku Alfred Grixti talab lill-Kunsillier Aquilina jinforma ruħu aktar fuq dan il-fond.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Il-Kunsillier Cain Grech informa lill-Kunsill li permezz tal-kuntatti li saru fuq il-proġett tal-Youth in Action, il-Kunsill ipparteċipa fi proġett ieħor tal-EU fejn permezz tiegħu sar Energy Audit fil-bini tal-Kunsill mingħajr ħlas. Il-Kunsillier Grech spjega li dan l-audit kien mandatorju għall-Kunsill peress li l-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ huwa firmatarju tal-patt tas-Sindki fejn bliet u rħula minn madwar l-Ewropa kollha jikkommettu ruħhom li jieħdu inizjattivi favur l-ambjent.

3.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lilu bħala Sindku fejn infurmaħ bix-xewqa tiegħu li jibda fażi ġdida tal-karriera tiegħu. Is-Sindku Alfred Grixti qal li nfetħu xi opportunitajiet u s-Segretarju ddeċieda li jmur għalihom. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jifhem ix-xewqa tas-Segretarju li jkompli javvanza l-karriera tiegħu u jirringrazzjah tal-ħidma kbira li wettaq fil-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li għadha kif għalqet applikazzjoni għal persuni barra miċ-ċivil sabiex jidħlu fil-pool ta' persuni eliġibli sabiex jaqdu l-funzjonijiet ta' Segretarji Eżekuttivi. Is-Sindku spjega li jkun għaqli li l-Kunsill jistenna li dan il-pool ikun finalizzat sabiex ikun hemm għażla akbar.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Il-Kunsillier Philip Said talab aktar dettalji dwar il-pagamenti lil Med Design Associates. Is-Segretarju spjega.

4.3. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina talab aktar dettalji dwar il-pagamenti ta' Mediagraphic.

4.4. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab aktar informazzjoni dwar il-pagamenti lill-Każini u lil Raymond Calleja, filwaqt li kkummenta dwar xi nuqqasijiet f' soft areas madwar Hal Mula.

4.5. Il-Kunsillier Duncan Bartolo ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Hu ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina astjena fuq l-items kollha apparti 1,2,3,4,5, 22, 23, 24.

Il-pagamenti ġew approvati (97)

4.5. Is-Sindku Alfred Grixti talab li l-Kunsill jidħol fi stadju ta' kumitat. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-7.45pm. Il-laqgħa kompliet fit-8pm.

4.6. Is-Sindku Alfred Grixti qal li in konnessjoni ma' dak li ġie diskuss fi stadju ta' kumitat huwa kien qiegħed jipproponi li jinħatar sottokumitat sabiex jevalwa il-kwotazzjonijiet li nġabru u dan is-sottokumitat ikun magħmul mill-Kunsillier Robert Tabone, Cain Grech u George Cortis u jikkonsultaw mas-sur Joe Fsadni. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-minuti ġew approvati (98).

## 5. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

5.1. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ġibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur tal-knis diġa kien qiegħed inaqqas mis-servizz. Is-Segretarju wieġeb li dakinhar saret laqgħa miegħu fejn inġibdet l-attenzjoni u se jkunu qed jittieħdu passi fil-konfronti tiegħu.

5.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li l-Ministru Joe Mizzi kien talab lill-Kunsilli Lokali sabiex jibgħatu l-kummenti tagħhom dwar it-Trasport Pubbliku. Hija qalet li ma tafx jekk il-Kunsill kienx għamel dan, iżda hi ma ratx il-kummenti tal-Kunsill fost il-kummenti tal-Kunsilli l-oħra u kkummentat ukoll dwar numru ta' nuqqasijiet fis-servizz eżistenti. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill għamel il-kummenti tiegħu li tressqu lill-Ministru personalment meta żar il-Kunsill. Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-proposti li tressqu mill-Kunsill lill-Ministru, liema rapport sar fuq bażi tas-suġġerimenti tal-Kunsilliera.

5.3. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina u s-Segretarju Eżekuttiv informaw lill-Kunsill li fuq il-kwistjoni tal-gym fi Triq Dun Bartilmew Attard, saru l-verifiki neċessarji u jirriżulta li skond il-permessi tal-MEPA, il-gym għandu jkollu

parkeġġ li jintuża għall-klijenti tal-gym u mhux għal użi oħra. Kien hemm qbil li jsiru r-rapporti neċessarji.

5.4. Il-Kunsillier Philip Said informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-Heritage Trail miexi tajjeb u t-test tiegħu kważi lest.

5.5. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li hija xewqa tagħha li għal Jum Ħaż-Żebbuġ issir riċerka aħjar fuq dak li jiġi preżentat.

5.6. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina nforma lill-Kunsill li fil-librerija qegħdin isiru sessjonijiet ta' qari ta' stejjer lit-tfal. Il-Kunsillier Aquilina qal li kien hemm konkorrenza tajba. Il-Kunsillier Aquilina qal li hemm l-idea li l-parteċipanti jingħataw ktieb kull wieħed fl-aħħar sessjoni. Kien hemm qbil dwar dan.

## 6. AĠĠORNAMENT

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għat-8 ta' Awwissu fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8.30pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |